MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 762/2001/1

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Frank Borg Limited**

**vs**

**Victoria Tanti u ghal kull interess li ghandu Joseph Tanti u b'digriet tas-26 ta' Marzu tas-sena 2003 gie kjamat in kawza Salvatore Agrippino**

**Illum, it-2 ta' Frar, tas-sena 2005.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Awissu, tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf, sitt mija u sitta u tletin Lira Maltin (LM1636.00,0), rapprezentanti bilanc mis-somma ta’ tlett elef u tlett mitt Lira Maltin (LM3300.00,0) danni kawzati fil-vettura EAK – 253 misjuqa minn Victor Sladden u proprjeta’ ta’ Frank Borda Limited assigurata mas-socjeta’ attrici liema vettura kienet involuta fl-incident awtomobilistiku tat-28 ta’ Novembru tas-sena 1998 f’Ghajn Rihana, Mosta, mal-vettura numru FAS – 624 misjuqa minn Victoria Tanti, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tal-konvenuta Victoria Tanti minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolament tat-traffiku da parti taghha;

2. Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Settembru tas-sena 1999 u ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata s-7 ta’ Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti ecepew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai temini tal-artikolu 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti ghandhom jigu mehlusa mill-gudizzju u dana stante illi l-incident mertu tal-avviz fl-ismijiet premessi sehh mhux minhabba fil-konvenuta Victoria Tanti izda minhabba sewwieq iehor li kien qed isuq vettura ohra li baqghet diehla fil-vettura misjuqa mill-mittenti. Is-sewwieq tal-vettura in kwistjoni huwa certu Aggrippino ta’ nazzjonalita’ Taljana izda residenti Malta.

3. Illi l-eccipjenti gia ntavolaw citazzjoni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-konfront tal-imsemmi sewwieq;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet taghha datat is-26 ta’ Marzu, tas-sena 2003 li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza ta’ Salvatore Agrippino;

Tirrileva li ghalkemm dan il-kjamat in kawza kien gie notifikat skond il-ligi baqa’ fi stat ta’ kontumacia;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet jinfurmawha li kienu qed jirrimettu ruhhom ghall-provi;

Ikkunsidrat;

IIlli stante li l-konvenuti preliminarjament eccepew il-preskrizzjoni biennali naxxenti mill-artikolu 2149 tal-Kap 16, hu ghaqli li f’dan l-istadju tigi espurgata din l-ewwel eccezzjoni;

1. Illi l-parti rilevanti ghall-procedura odjerna ta’ dan l-artikolu fuq indikat jghid testwalment is-segwenti:

- “l-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi peskrizzjoni tal-eghluq ta’ sentejn:

- “(d) l-azzjonijiet tal-prokuraturi *ad litem* jew ta’ prokuraturi ohra, jew mandatarji, ghall-hlas li jmisshom, ghall-ispejjez li jaghmlu, ghall-indirizz li jkollhom jiehdu ghat-telf li jbatu u ghar-radd tal-flus li johorgu minn taghhom”;

Ikkunsidrat;

Illi f’dan il-kuntest limitat tal-perjodu biennali fuq indikat il-fatti li jirrizultaw jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofs inhar tat-28 ta’ Novembru tas-sena 1998 f’Ghajn Rihana, l-Mosta;

2. Illi f'dan l-incident kienu nvoluti l-vettura tal-marka Skoda Felicia bin-numru ta' registrazzjoni EAK – 253 misjuqa minn Victor Sladden, proprjeta' tas-socjeta Frank Borg Limited u assigurata mis-socjeta' attrici Citadel Insurance p.l.c. debitament surrogata skond il-ligi, il-vettura tal-marka Isuzu mudell pickup, Crew Cab, bin-numru ta' registrazzjoni FAS-624 misjuqa minn Victoria Tanti, proprjeta' ta' Joseph Tanti u vettura ohra mhix indikata fl-avviz promotur tal-marka Daewoo mudell Racer, bin-numru ta' registrazzjoni ABG – 029 misjuqa minn Salvatore Agrippino u proprjeta' ta' Anthony Rossi;

3. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata s-17 ta' Settembru tas-sena 1999, is-socjeta' attrici pprezentat l-istess ittra fir-registru tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha irrikjamat mill-konvenuti odjerni d-drittijiet spettanti lilha kif jidhru fl-istess ittra ufficjali;

4. Illi jirrizulta ampjament car u univoku li l-procedura odjerna giet intavolata fid-29 ta' Awissu, tas-sena 2001;

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk ghandu jkun ovvju li bejn id-data tal-incident senjatament it-28 ta' Novembru tas-sena 1998 u dik tan-notifika tal-ittra ufficjali fuq riferita, senjatament it-28 ta' Settembru tas-sena 1999, (ara fol 13), fit-terminu prestabbilit mill-artikolu 2149 tal-Kap 16 citat mill-konvenuti ma giet issuperat;

Illi inoltre, dan l-istess perjodu hekk citat fl-artikolu fuq indikat ma jirrizultax li gie injorat lanqas mill-perjodu mid-data tal-ittra ufficcjali ndikata u dik tal-prezentata tal-azzjoni odjerna;

Ghaldaqstant, din il-qorti qed tirrespingi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Tanti, bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi rigward il-meritu ghandu jinghad li l-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konducent tal-vettura asigurata mis-socjeta' attrici jsostni li fil-hin ta' l-incident kif fuq indikat hu kien qed isuq b'velocita' normali fid-direzzjoni tal-Mosta;

2. Illi jsostni li waqt li kien fil-karreggjata tieghu, *" f'daqqa wahda rajt karozza iddur fuqha nnifisha u gejja lejja fil-karreggjata tieghi. Din baqghet diehla fuqi u kkagunatli diversi hsarat*", (ara fol 43);

3. Illi l-impatt irrizulta li kien wiehed kbir hafna;

4. Illi kienet il-vettura bin-numru FAS – 624 tal-marka Isuzu misjuqa mill-konvenuta Victoria Tanti li dahlet b'dan il-mod fuq il-vettura assigurata mis-socjeta' attrici;

5. Illi skond l-istess konvenut jirrizulta li din kienet qed issuq b'mod normali fid-direzzjoni lejn Burmarrad fejn *"waqt li kont niezla jien smajt daqqa bum, daqqa fuq wara u rizultat ta' dan jien spiccajt f'koma. Ma naf xejn aktar. Spiccajt l-isptar"*, (ara fol 58);

6. Illi l-istess konvenuta aktar tard issostni li hi kienet niezla fuq il-karreggjata taghha; (ara fol 58);

7. Illi d-danni sofferti mill-vettura misjuqa minn Victor Sladden, li ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta' attrici, huma assodati mid-dokumenti appoziti skond il-ligi (ara fol 93-108);

8. Illi ghalkemm notifikat skond il-ligi, l-kjamat in kawza baqa' kontumaci;

Ikkunsidrat ;

Illi mis-suespost ghandu jkun ovvju li l-incident awtomobilistiku in dizamina hu rizultat ta' sewqan inkonsiderat tal-kjamat in kawza Salvatore Agrippino li jirrizulta li habat fuq il-parti ta' wara tal-vettura misjuqa

mill-konvenuta Victoria Tanti li giet ghalhekk mitfugha fuq il-vettura misjuqa minn Sladden fuq indikat;

Ghaldaqstant din il-qorti qed takkolji l-eccezzjoni tal-konvenuti Tanti u t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-kjamat in kawza Salvatore Agrippino unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li sehh ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofs inhar tat-28 ta' Novembru tas-sena 1998 f'Ghajn Rihana, il-Mosta;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, sitt mija u sitta u tletin Lira Maltin, (LM1636.00,0), kif mitluba;

3. Tikkundanna unikament lill-kjamat in kawza Salvatore Agrippino biex ihallas l-ammont ta' elf, sitt mija u sitta u tletin Lira Maltin, (LM1636.00,0) hekk likwidati lis-socjeta' attrici Citadel Insurance p.l.c., bl-ispejjez rimanenti u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------